- *Il-Prinċipju tal-aħjar prova.*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 27 T'OTTUBRU, 2020.**

**Rikors Nru. 1296/07 GM**

**Alfred Debattista ID435741M u b'digriet tal-20 ta' Settembru 2016 l-atti ġew trasfużi f'isem Rosette Debattista minħabba l-mewt ta' Alfred Debattista li miet fil-mori tal-kawża u martu Rosette Debattista ID520449M**

**vs**

**E. Grech Holdings Limited C36673**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li esponew illi:-

Huma s-sidien tal-fond Avon, 213, Misraħ il-Barrieri, Santa Venera. Dan il-fond, wżat bħala maħżen, huwa sottopost għall-proprjeta' ta' terzi, u jikkonsisti fi pjan terren u *basement* sottopost li taċċedi għalih minn taraġ.

Huma wkoll is-sidien ta' bitħa fuq wara tal-fond tagħhom li flimkien mal-arja sovrastanti nkluż l-arja tat-tromba tat-taraġ tappartjeni lilhom intjerament u esklussivament.

Is-soċjeta' konventa akkwistat il-fond 211, Misraħ il-Barriera, Santa Venera, li huwa sovrapost għal dak tal-esponenti u għamlet żvilupp ckompost minn bini aġġuntiv u alterazzjonijiet strutturali.

Fit-twettieq ta' dan l-iżvilupp, mingħajr il-kunsens tal-esponenti, is-soċjeta' intimata fetħet twieqi ġodda anke fil-ħajt diviżorju ta' bejn il-fondi tal-partijiet li ma kenux jeżistu qabel fil-fond sovrapost qabel mas-soċjeta' intimata għamlet l-iżvilupp.

Waqt l-iżvilupp, is-soċjeta' intimata telgħet ċint ta' żewġ filati fuq il-bejt tat-tromba tat-taraġ, proprjeta' tar-rikorrenti, u dan abbużivament mingħajr il-kunsens tal-esponenti, nonostante li l-bejt u l-arja sovrastanti huma proprjeta' esklussiva tal-esponenti fejn is-soċjeta' intimata la għandha dritt taċċedi u l-anqas użu.

Waqt l-iżvilupp li sar mis-soċjeta intimata, il-fond tal-esponenti tgħarraq u ġarrab danni konsiderevoli. Għalhekk is-soċjeta' intimata aċċettat li tagħmel tajjeb, baqgħet pero inadempjenti.

Il-fond tal-esponenti tgħarraq ukoll għaliex waqt l-iżvilupp, is-soċjeta' intimata, abbusivament u mingħajr il-kunsens tal-esponenti, għolliet il-livell tal-art b'mod li imblokkat il-passaġġ tal-ilma tax-xita li mill-bitħa tal-fond tal-esponenti kien igħaddi għal dak tas-soċjeta' intimata bil-konsegwenza li kull meta tagħmel ix-xita l-ilma m'għandux fejn imur u għalhekk jiskula għal ġol basement tal-maħżen tal-esponenti li jimtela' bl-ilma.

Ix-xogħol abbużiv tas-soċjeta' intimata kkaġuna danni lill-esponenti konsistenti fi ħsara fil-bini, tixrib kontinwu, nuqqas ta' tgawdija, u telf finanzjarju għax ma jistax jinkera.

Għalkemm il-fond tal-esponenti kellu sistema ta' '*drains*' u drenaġġ komuni mal-fond sovrapost, bil-mod kif sar l-iżvilupp, is-soċjeta' intimata aggravat is-servitu' eżistenti.

Is-soċjeta' intimata sistematikament ikkalpestat id-drittijiet tal-esponeneti anke bin-nonkuranza grossolana tagħha.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti huma interament u esklussivament is-sidien tal-bitħa fuq wara tal-fond "Avon", Misraħ il-Barrieri, Santa Venera, flimkien mal-arja sovrastanti.

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li ċ-ċint ta' żewġ filati li s-soċjeta' intimata bniet fuq il-bejt tat-tromba tat-taraġ tal-fond tar-rikorrenti huwa abbusiv u llegali stante li l-arja ta' fuq dak il-bejt tappartjeni esklussivament lir-rikorrenti, għal liema arja s-soċjeta' intimata la għandha aċċess u lanqas użu.

3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti tħott u tneħħi għal kollox a spejjes tagħha, ċ-ċint li għalih hemm riferenza fit-talba preċedenti bl-opra ta' perit nominand.

4. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jesegwixxu huma x-xogħolijiet imsemmija fit-talba preċedenti a spejjeż tas-soċjeta' intimata taħt is-supervizjoni tal-istess perit nominand.

5. Tiddikjara u tiddeċiedi li t-twieqi kollha ġodda li, mingħajr il-kunsens tal-esponenti, is-soċjeta' intimata fetħet anke fil-ħajt diviżorju ta' bejn il-fondi tal-partijiet waqt l-iżvilupp tal-fond 211, Misraħ il-Barrieri, Santa Venera, huma abbużivi stante li ma kienux jeżistu fil-fond sovrapost qabel mas-soċjeta' intimata għamlet l-iżvilupp.

6. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti tagħlaq, taħt is-superviżjoni ta' perit nominand, a spejjeż tagħha, it-twieqi kollha li abbusivament u llegalment fetħet fil-bini tagħha li qed jagħtu għal fuq il-bejt tat-tromba tat-taraġ tal-fond tar-rikorrenti.

7. Fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jesegwixxu huma x-xogħlijiet imsemmija fit-talba preċedenti a spejjeż tas-soċjeta' intimata taħt is-superviżjoni tal-istess perit nominand.

8. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' intimata abbusivament għolliet il-livell tal-art b'mod li imblokkat il-passaġġ tal-ilma tax-xita li mill-bitħa tal-fond tar-rikorrenti kien igħaddi għal dak tas-soċjeta' intimata bil-konsegwenza li kull meta tagħmel ix-xita l-ima m'għandux fejn imur u għalhekk jiskula għal ġol-'basement' tal-maħżen tal-esponenti li jimtela' bl-ilma.

9. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex a spejjeż tagħha fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti u taħt is-superviżjoni ta' perit nominand tagħmel ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex l-ilma tax-

xita mill-bitħa tar-rikorrenti jiskula liberalment għal ġol-fond adjaċenti tas-soċjeta' intimata kif kien jagħmel qabel l-istess soċjeta' intimata għamlet l-iżvilupp.

10. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jesegwixxu huma x-xogħlijiet imsemmija fit-talba preċedenti a spejjeż tas-soċjeta' intimata taħt is-superviżjoni ta' perit nominand.

11. Tiddikjara u tiddeċiedi li bl-iżvilupp kif imwettaq mis-soċjeta' intimata din aggravat is-servitu tad-'*drains*' u drenaġġ li kien jirċievi l-fond tar-rikorrenti.

12. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss minn din il-Qorti, taħt is-superviżjoni ta' perit nominand, tirripristina a spejjeż tagħha s-sistema ta' 'drains' u drenaġġ li kien jilqa' l-fond tar-rikorrenti għall-istess li kienu qabel is-soċjeta' intimata għamlet l-iżvilupp fil-fond sovrapost.

13. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti ssabiex jesegwixxu huma x-xogħlijiet imsemmija fit-talba preċedenti a spejjeż tas-soċjeta' intimata taħt is-superviżjoni ta' perit nominand.

14. Tiddikjara lis-soċjeta' intimata responsabbli għad-danni kollha li ġarrbu r-rikorrenti konsegwenza tal-iżvilupp li sar minnha fil-fond 211, Misraħ il-Barrieri, Santa Venera.

15. Tillikwida d-danni tar-rikorrenti occorendo bl-opra ta' periti nominandi.

16. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut minnha lir-rikorrenti in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond il-liġi kontra s-soċjeta' intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata li permezz tagħha s-soċjeta' konvenuta eċċepiet illi:-

1. Is-soċjeta' esponenti hija s-sid tal-fond bin-numru 211, Misraħ il-Barrieri, Santa Venera liema fond ġie akkwistat mingħand l-eredi ta' Elia Cauchi permezz tal-kuntratt ta' kompravendita tal-20 t'Ottubru 2005 fl-Atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani liema proprjeta' kif suġġetta għal kanone annwu u perpetwu ekwivalenti għal Lm15 iżda altrimenti libera u franka, bil-ġust, drittijiet u pertinenzi tagħha kollha (Dok EGHL1).
2. Fir-rikors promotur r-rikorrenti jressqu numru ta' azzjonijiet distinti li jirrigwardaw il-fond in kwistjoni li jinstabu akkumulati fl-istess att ġudizzjarju u għalhekk is-soċjeta' intimata sejra tressaq l-eċċezzjonijiet tagħha għal kull waħda mit-talbiet attriċi kif ġej:

   2.1 Fir-rigward tal-ewwel talba rikorrenti, jekk kemm-il darba il-bitħa in kwistjoni rivendikata mir-rikorrenti hija l-bitħa fil-pjan terren fuq in-naħa ta' wara tal-garaxx proprjeta' tar-rikorrenti liema garaxx huwa sottostanti l-proprjeta' tas-soċjeta' intimata, is-soċjeta' intimata la qatt ma kellha pretensjoni ta' titolu fuq din il-bitħa u lanqas qatt kellha l-ebda vertenza dwar dan mar-rikorrenti u għalhekk m'għandhiex issofri l-ispejjeż ta' din it-talba;

   2.2 Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk kemm il-darba iżda din it-talba tirreferi għall-bitħa fl-ewwel pjan sovrastanti l-proprjeta' tar-rikorrenti iżda formanti parti integranti mill-fond tas-soċjeta' intimata, allura din it-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż. Stante li l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-*actio rei vindicatoria* jispetta lilhom li jipprovaw mingħajr ombra a' dubju li l-art tispetta lilhom u jipprovaw it-titolu tagħhom fuq tali bitħa li huma jsejħu bejt;

3. Fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba talba dawn it-talbiet ukoll huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li fl-ewwel lok is-soċjeta' intimata ma bniet l-ebda ċint ta' żewġ filati iżda sempliċiment irrimpjazzat dawk iż-żewġ filati ġebel li kienu fi stat dilapidat b'żewġ filati tal-bricks tal-istess daqs eżatt kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża u fi kwalunkwe każ dawn ix-xogħlijiet saru f'arja fejn mhux biss is-soċjeta' għandha aċċess u użu talli hija l-proprjetarja ta' dik l-istess arja;

4. Fir-rigward tal-ħames, is-sitt u s-sebgħa talbiet attriċi dwar il-ftuħ ta' twieqi, is-soċjeta' intimata teċċepixxi li dawn it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti għaliex is-soċjeta' intimata ma fetħet l-ebda twieqi li ma kelliex dritt għalihom skond il-liġi;

5. It-tmien, id-disa u għaxar talba għandhom ukoll jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti stante li x-xogħlijiet kollha mwettqa mis-soċjeta' intimata saru bi dritt u l-fond proprjeta' tagħha mhu soġġett għall-ebda servitu jew piż kif deskritt mir-rikorrenti;

6. Fir-rigward tal-ħdax, tnax u tlettax-il talba dwar l-allegat aggravament tas-servitujiet ta' *drains* u drenaġġ li jirċievi l-fond tar-rikorrenti, anke dawn it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li mhux talli ma ġiex aggravat l-oneru ta' tali servitujiet iżda talli effettivament dan il-piż tnaqqas minħabba arranġamenti interni dwar pajpijiet ta' drenaġġ u drains li għamlet is-soċjeta' attriċi awtonomament u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħha sabiex ma tiddependix esklussivament fuq is-servitujiet eżistenti għall-flussi tad-drenaġġ u l-ilma;

7. Fir-rigward imbagħad tal-aħħar tlett talbiet ossija t-talbiet numru erbatax sa sittax is-soċjeta' intimata tiddikjara li hija lesta u, minn dejjem kienet lesta, sabiex tagħmel kull riparazzjoni għal ħsarat fil-fond tar-rikorrenti li hija kienet responsabbli tagħha u dan a spejjeż tagħha. Tali xogħlijiet ta' riparazzjoni jew kumpens għal dannu fi proprjeta' li diġa' kienet fi stat ta' dilapidazzjoni baqgħu sal-lum ma sarux għaliex hu evidenti li r-rikorrenti xtaqu japprofittaw ruħhom u jillukraw minn tali kumpens jew riparazzjonijiet u għaldaqstant is-soċjeta' intimata m'għandhiex issofri l-ispejjeż tat-talbiet bin-numru erbatax sa sittax.

***It-tilwima***

Ikkunsidrat:

L-attriċi tippossjedi garaxx fil-pjan terran. Fuq in-naħa tal-lemin tan-naħa ta' wara tiegħu hemm tromba tat-taraġ mgħottija, bi *skylight* fis-saqaf tagħha. It-taraġ iwassal għal kantina li tinstab taħt il-garaxx. Fuq in-naħa tax-xellug tan-naħa ta' wara tal-garaxx hemm bitħa żgħira. Is-soċjeta' konvenuta hi sid ta' fond li jiġi maġemb, fuq, u wara l-proprjeta' posseduta mill-attriċi. Il-konvenuta għamlet tibdiliet u żidiet fil-bini tal-fond tagħha, u dan wassal għal dawn l-ilmenti dwar l-attivita' tal-konvenuta li l-attriċi[1] ressqet f'din il-kawża:

1. Abbużivament bniet ċint ta' żewġ filati fuq il-bejt tat-tromba tat-taraġ (talba numru 2).

[1] Flimkien ma' żewġha, li miet waqt is-smiegħ tal-kawża.

2. Fetħet twieqi fil-ħajt diviżorju li jiġi fuq il-bitħa u l-bejt tat-tromba tat-taraġ, li ma kinux hemm qabel (talba numru 5).
3. Imblukkat il-passaġġ tal-ilma li kien jgħaddi mill-bitħa tal-attriċi għal dik tal-konvenuta (talba numru 8).
4. Aggravat is-servitu tad-drains u drenaġġ (talba numru 11).
5. Ikkawżatilha danni (talba numru 14).

L-attriċi talbet ukoll dikjarazzjoni li l-bitħa u l-arja ta' fuqha (talba numru 1) u l-arja fuq il-bejt tat-tromba tat-taraġ (talba numru 2) huma proprjeta' esklussiva tagħha.

***Riżultanzi***

Jirriżulta li:

1. Il-bejt tat-tromba tat-taraġ hu mdawwar b'opramorta. Il-konvenuta m'għollietx din l-opramorta, kuntrarjament għal kif tallega l-attriċi. Li ġara hu li l-parti tal-opramorta li tmiss mal-ħajt diviżorju, ta' wisa' ta' madwar metru, ġiet rikostruwita b'materjal ġdid mill-konvenuta. L-attriċi ssostni li din il-parti taċ-ċinta ma kinitx hemm u li minnha żewġha kien jitla' bis-sellum fuq il-bejt tat-tromba. Il-konvenuta tgħid li f'dik il-parti, il-ġebel kien immermer u rrimpjazzatu.

2. Qabel ma sar l-iżvilupp, fuq il-garaxx kien hemm *maisonette* ta' sular wieħed. Minn din il-*maisonette,* kien hemm tieqa waħda tagħti għal fuq il-bitħa. B'konsegwenza tal-iżvilupp, il-konvenuta bniet sular ieħor, u żiedet in-numru tat-twieqi li jagħtu għal fuq il-bitħa. Fetħet wkoll twieqi li jagħtu għal fuq l-arja tat-tromba tat-taraġ. Fuq is-sular il-ġdid bniet ukoll penthouse, bit-twieqi retroposti għall-ħajt li jagħti għal fuq il-bitħa, u li għalhekk ma ħolqot l-ebda introspezzjoni ġdida. Imma – kuntrarjament għal dak li tallega l-konvenuta - mhux l-istess jista' jingħad għat-twieqi fit-tieni sular li nbena ġdid fi spazju li qabel kien biss arja, kif ukoll l-aperturi oħrajn ġodda fil-ħajt diviżorju.

3. Il-konvenuta mblukkat il-passaġġ tal-ilma li jgħaddi mill-bitħa tagħha għal dik tal-konvenuta. Din is-sitwazzjoni ġiet rimedjata mill-konvenuta fil-mori tal-kawża.

4. Il-konvenuta qabbdet id-drenaġġ tagħha mal-pajp eżistenti li jgħaddi mill-ġaraxx possedut mill-attriċi. Il-konvenuta ssostni li l-postijiet il-ġodda għandhom l-istess ammont ta' kmamar tal-banju li kien hemm qabel. Min-naħa l-oħra skont l-attriċi qabel l-iżvilupp kien hemm kamra tal-banju waħda biss. Il-Qorti temmen lill-attriċi, anke għaliex dak li qed tallega l-konvenuta mhuwiex verosimili. F'okkażjoni waħda far id-drenaġġ. Parti mill-kawża ta' dan kien li l-wisa tal-katusa biż-żmien djieq minħabba l-materjal li weħel mal-ġnub. Il-konvenuta ħadet ħsieb li jitnaddaf il-garaxx. Id-dranaġġ qatt ma reġa' far.

5. L-attriċi tallega li l-konvenuta kkawżat ħsarat fil-garaxx minħabba ħsara fil-bini, tixrib kontinwu, nuqqas ta' tgawdija, u telf finanzjarju għax ma setax jinkera. Jirriżulta li meta applikat għall-permessi tal-bini, il-konvenuta daħħlet il-garaxx mal-bini tagħha bħala spazju tal-parkeġġ. Il-konvenuta tallega li dan ikkawżalha diffikultajiet biex tikseb permess għal *change of use.* Il-konvenuta ssostni li l-garaxx ma kienx fi stat li jiġi mikri u għalhekk ma kien hemm l-ebda telf finanzjarju. L-attriċi ma kkwantifikatx id-danni minnha allegatament sofferti;

***Aspetti legali***

Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet dwar l-aggravar tas-servitujiet – id-drenaġġ, u l-aperturi ġodda fuq il-bitħa, it-tromba tat-taraġ – jipressuponu li l-attriċi hi sid-il garaxx u l-pertinenzi tiegħu. Dan għaliex huwa l-proprjetarju biss li jista' jaġixxi dwar aggravar ta' servitujiet. Bla dubbju konsapevoli ta' dan, l-attriċi talbet li tiġi dikjarata sid tal-bitħa u l-arja tat-tromba tat-taraġ li hemm maġemb il-bitħa, għalkemm mhux ukoll tal-garaxx. B'danakollu, ma ġabet l-ebda prova li hi sid ta' dan il-fond;

Ili fejn *si tratta* ta' azzjoni petitorja, il-piż tal-prova tat-titlu qiegħed fuq l-attur. Il-konvenut m'għandu għalfejn jipprova xejn. U bħal kull prova oħra, din trid tkun l-aħjar prova. Hija regola tad-dritt proċedurali tagħna li "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."[2] Norma misluta mil-liġi Ngliża, li kienet tqisha bħala domma sagrosanta li fuqha jistrieħ id-dritt probatorju, anke jekk illum din in-norma qajla għad fadlilha mportanza

[2] Artiklu 559 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta

prattika fl-Ingilterra. [3] B'danakollu, il-prinċipju tal-aħjar prova għadu viġenti fil-liġi Maltija fil-glorja pristina tiegħu, anke għaliex mhux biss huwa mnaqqax statutorjament fil-kodiċi tal-proċedura, imma wkoll billi huwa **tassattiv.** Għal din in-norma, f'Malta ż-żmien waqaf f'nofs is-seklu dsatax, filwaqt li l-Big Ben baqa' jdoqq u jimmarka l-mogħdija taż-żmien kważi bla waqfien.[4] Huwa sinifikanti iżda – għall-finijiet ta' din il-kawża - li fid-dritt Ingliż, ir-regola tal-produzzjoni tal-aħjar prova għadha hemm f'każ eċċezzjonali uniku – dak tal-produzzjoni ta' dokumenti oriġinali;[5]

Illi f'dan il-każ, l-attriċi mhux biss ma ġibitx l-aħjar prova, imma ma ressqet prova ta' xejn dwar it-titlu tagħha. Minflok, esibiet l-att tal-akkwist[6], tal-fond tal-konvenuta, deskritt bħala "dar bl-arja tagħha… in parti sovrastanti, in parti mal-ġemb u in parti retroposta għal garaxx ta' terzi;"

Illi l-Qorti ma tistax tagħmel tajjeb hi għal dan in-nuqqas. Fl-assenza ta' kuntratt tal-akkwist jew prova oħra ta' provenjenza tal-garaxx u l-pertinenzi tiegħu, din il-Qorti m'għandha l-ebda prova li hi proprjeta tal-attriċi. Minn fatt (f'dan il-każ, titlu ta' akkwist ta' proprjeta') tista' tikkonkludi li jeżisti fatt ieħor permezz ta' preżunzjoni legali. Imma jekk l-ewwel fatt mhux ippruvat, il-Qorti li tikkonkludi li jeżisti t-tieni fatt tkun qiegħdha tirrikorri għal pura konġettura, u mhux tagħmel eżerċizzju loġiku ta' deduzzjoni. Billi l-attriċi ma ġabet l-ebda prova tad-drittijiet proprjetarji tagħha fuq il-garaxx u l-pertinenzi tiegħu, il-Qorti loġikament u ġuridikament ma tistax tiddeċiedi li xi proprjeta' tal-attriċi ġiet mgħobbija b'xi servitujiet ġodda, jew li xi servitujiet eżistenti ġew aggravati. Il-konvenuta ma tippretendi l-ebda jedd fuq il-bitħa.[7] Dan iżda ma jsarrafx f'xi qbil li l-bitħa hi proprjeta' tal-attriċi;

***Konklużjonijiet***

Ikkunsidrat:

---

[3] "The maxim that 'the best evidence must be given of which the nature of the case permits' was once treated as expressing the great fundamental principle upon which the law of evidence depends. Thus, Lord Hardwiche went so far as to say that 'the judges and sages of the law have laid it down that there is but one general rule of evidence, the best that the nature of the case will permit.' But although this maxim played a conspicuous part in the early history of the subject, today it is of little practical importance. Indeed, the Divisional Court has described it as having gone by the board long ago, and one modern text refers to it as an 'evidentiary ghost'" (Phipson on Evidence, 18th ed. para. 7-37).

[4] In the present day… it is not true that the best evidence must, or even may, always be given, though its non-production may be a matter for comment, or affect the weight of that which is produced. All admissible evidence is generally equally accepted (Phipson on Evidence para 7-40).

[5] Ibid., para 7-42.

[6] Att ta' bejgħ tal-20.10.2005 ippublikat min-Nutar Anthony Grech Trapani, esibit a fol 17.

[7] Kif tistqarr fit-tieni eċċezzjoni tagħha fir-Risposta Guramentata u f'paġna 10 tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Il-konvenuta tistaqsi jekk l-attriċi tirreferix, fir-Rikors Guramentat, għall-bitħa fil-pjan terran inkella għall-bitħa fl-ewwel sular. M'hemmx dubbju iżda li l-attriċi tirreferi għall-bitħa fil-pjan terran.

Illi għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talbiet relatati ma' aggravar ta' servitujiet, lanqas fejn dawn jirriżultaw bħala fatt;

Illi l-imblokk tal-passaġġ tal-ilma tneħħa mill-konvenuta fil-mori tal-kawża u għalhekk il-mertu tat-talbiet relatati miegħu ġew eżawriti. B'danakollu din iċ-ċirkostanza sejra tiġi riflessa fil-kap tal-ispejjeż;

Illi għalkemm jirriżulta li saru xi ħsarat, dawn ma ġewx ikkwantifikati u għalhekk il-Qorti ma tista' tagħti l-ebda kumpens fir-rigward;

***Dispożittiv***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet numru 8,9 u 10 billi l-mertu huwa eżawrit
(2) Tiċħad it-talbiet l-oħrajn kollha tal-attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż jinqasmu 4/5 għall-attriċi u 1/5 għall-konvenuta.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA